MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 340/2008

Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` General Gas Limited (C7364)
vs
Dr. Martin Fenech u l-P.L. Victor Bugeja li b’digriet tat-18 ta’ Dicembru 2009 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-Faraj El Boaishel Murabat, assenti minn dawn il-Gzejjer u b’digriet ta’ l-1 ta’ Settembru 2010 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Limited (C 11358) u b’digriet tat-13 ta’ Gunju, 2011 Dr. Martin Fenech gie nominat Kuratur Deputat ghas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti *nomine* li bih espona:

Illi s-socjeta` rikorrenti hija wahda mill-azzjonisti tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited (C 11358) u ghandha partecipazzjoni komplessiva ta’

hamsin fil-mija (50%) ta’ l-ishma kollha tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited skond il-*Memorandum* u l-Istatut ta’ l-istess socjeta` anness mar-rikors guramentat u immarkat Dok. A;

Illi Anthony Ventura li huwa l-*majority shareholder* fis-socjeta` *General Gas Limited* huwa wiehed miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited hekk kif jirrizulta mill-*Memorandum* u l-Istatut tas-socjeta` anness mar-rikors guramentat u immarkat Dok. A;

Illi l-hamsin fil-mija (50%) l-ohra ta’ l-ishma fis-socjeta’ *Mediterranean Sea Industrial Company Limited* huma proprjeta` ta’ Faraj El Boaishel Murabat ta’ nazzjonalita` Libjana;

Illi l-istess Faraj El Boaishel Murabat huwa wkoll id-direttur l-iehor appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited;

Illi sa mill-inkorporazzjoni tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited u cioe` 8 ta’ Frar 1990, Faraj El Boaishel Murabat qatt ma kien jaqdi l-inkarigu tieghu ta’ Direttur u wisq anqas ta’ azzjonista tant illi f’punt minnhom huwa ma deherx aktar fil-Gzira ta’ Malta u l-Gzejjer li jaghmlu parti minnha tant illi lanqas tracca tieghu ma baqa’;

Illi Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti ghamel diversi tentattivi telefonici internazzjonali sabiex jigi in kuntatt ma’ Faraj El Boaishel Murabat izda dawn it-tentattivi fallew kollha;

Illi inoltre s-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited ilha ma topera fil-qasam kummercjali taghha sa mill-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) - sena biss wara l-inkorporazzjoni taghha hekk kif jirrizulta mid-Dokument anness mar-rikors guramentat u immarkat Dok. B;

Illi fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited ilha zmien ma topera fil-qasam kummercjali, ma hemmx iktar skop illi din tibqa' registrata ma' l-Awtorita` tal-Kumpaniji ta' Malta;

Illi *stante* li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited, gie sottomess li l-imsemmija socjeta` ghandha tigi xolta *ai termini* tas-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

1. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited li ghandu jsir minn din il-Qorti, skond is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tahtar stralcarju ghas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited; u

3. Taghti, *ai termini* ta' l-artikolu 219 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqt l-andament tal-proceduri.

Salv kull provvediment iehor li dina l-Qorti joghgobha taghti.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent *nomine*.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati li biha esponew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u irriservaw li jipproduci risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti;

2. Illi minghajr pregudizzju l-kawza hija intavolata kontra l-persuna zbaljata u ghalhekk m'huwiex il-legittimu kontradittur *stante* ghall-fatt illi l-kawza messha giet intavolata kontra s-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited (C 11358).

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-Kuraturi Deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Ventura Direttur ta' Mediterranean Sea Industrial Company Limited (C 11358) flimkien ma' Faraj El Boaishel Murabat li huwa Libjan. L-azzjonisti ta' Mediterranean Sea Industrial Company Limited huma l-kumpanija personali tieghu bl-isem ta' General Gas Limited illi hu ghandu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja taghha u Faraj El Boaishel Murabat u dan 50% - 50% kull wiehed. Ftit xhur qabel Frar 1990 u cioe` d-data ta' meta iffurmaw il-Mediterranean Sea Industrial Company Limited, kienu marru ghandu fil-General Gas Limited Faraj u ibnu. Dak iz-zmien kien habta li l-Libjani kienu jigu biex jahdmu ma' Malta. Minn dak in-nhar illi giet iffurmata l-kumpanija u cioe` t-8 ta' Frar 1990, kien sar xi ftit negozju billi l-kumpanija kienet impurtat mill-Italia u mic-Cina, xi *fridges* u *washing machines* u dawn biex imbaghad il-kumpanija terga' tittrasporthom ghal-Libja. Imbaghad wara ftit xhur illi l-kumpanija bdiet f'dan in-negozju, Faraj qata' kull kuntatt minn mieghu u minn mal-kumpanija, u ghalhekk negozju iktar il-kumpanija ma baqghetx taghmel. Ghal ghaxar snin shah kompla jaqdi d-doveri tieghu bhala Direttur u jhallas l-ispejjez tal-kumpanija fejn jidhlu *audits* u kull dokumentazzjoni rikjesta mill-Awtorita` u l-prezentazzjoni taghhom mal-istess Awtoritajiet Maltin pero` ma jistax

ikompli sejjer hekk ghax l-ispejjez qed ikunu ezorbitanti u dan anke peress illi l-kumpanija ilha ma topera fil-qasam kummercjali minn ftit xhur biss wara li giet inkorporata u cioe` t-8 ta' Frar 1990. Issa spicca li anqas ghadu jiflah ihallas l-ispejjez taghha.

Min-naha l-ohra peress illi lil Faraj ma setax jaghmel kuntatt mieghu, il-kumpanija Mediterranean Sea Industrial Company Limited ma setghetx tigi xolta permezz ta' rizoluzzjoni tal-kumpanija u bi qbil ta' l-azzjonisti ghax kellu bzonn lil Faraj biex jaghmel dan. Ghalhekk kellu jirrikorri ghal din il-Qorti biex taghtih l-awtorizazzjoni sabiex il-kumpanija tigi likwidata, xolta u konsegwentement stralcjata mir-Registru tal-kumpaniji.

Meta xehed, Anthony Ventura qal li minn dak iz-zmien li kienet tezisti l-kumpanija, illum anqas biss il-bini ma ghadu jezisti ghax twaqqa' kollu u hemm Smart City. Qal li hu ma ghandu ebda kwistjonijiet ma' Faraj El Boaishel Murabat izda ilu ma jarah snin twal u ma ghandu ebda indirizz tieghu llum il-gurnata.

Xehed Hector Spiteri, awditur fid-ditta Busuttil Micallef u semma li huma l-awdituri tal-kumpanija rikorrenti. Xehed illi minn dokumentazzjoni u mix-xoghol li ghamlu huma dwar il-Mediterranean Sea Industrial Company Limited irrizultalu li meta gew biex jaghlqu l-*accounts* tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru elfejn u sebgha (2007), l-imsemmija socjeta` kienet ilha ma topera mill-elf disgha mija wiehed u disghin (1991). Xehed illi ippruvaw inutilment sabiex jikkuntattjaw liz-zewg partijiet, u rigward is-Sur Anthony Ventura ma kenitx problema, ghaliex huwa ikkopera maghhom biex setghu jghalqu x-xoghol taghhom. Pero`, il-parti l-ohra u cioe` s-Sur Faraj El Buaishel Murabat, ma setghu bl-ebda mod jaghmlu kuntatt mieghu. Zied li l-kumpanija hija *non-trading*, u mhux qed topera.

Xehed Joe Scerri u ikkonferma li milli jiftakar hu, fis-sena disghin ('90) u wiehed u disghin ('91) il-kumpanija *de quo* kienet topera u ghamlet xi esportazzjoni lejn il-Libja u minn dak iz-zmien sa issa ma saret l-ebda *trading*, u dana

sa l-informazzjoni li ghandu hu u cioe` sas-sena elfejn u sitta (2006).

Xehed Ivan Camilleri, *Manager* fl-*MFSA* u mistoqsi dwar il-Mediterranean Sea Industrial Company Limited, huwa irrisponda li din il-kumpanija kienet giet irregistrata fl-elf disa' mija u disghin (1990) u li wara li kien hemm il-qbil, din il-kumpanija kellha taqleb ghal mal-Ligi l-gdida u cioe` ghal mal-*Companies Act*. Xehed li mir-ricerka li ghamel fil-*file* kien hemm xi korrezzjonijiet li riedu jsiru f'dak id-dokument u li kienu ntbaghtu lura, ovvjament, hu talab biex jigu korretti. Huwa xehed illi wiehed mix-*shareholders* ma setax jigi rintraccat u minhabba f'hekk il-procedura sabiex il-kumpanija taqleb ghal mal-Ligi l-gdida ma setghetx tigi kompluta u ghadha sal-gurnata tal-lum ma tistax tigi finalizzata, baqa' kollox wieqaf.

Xehed Raymond Cohen li jahdem mas-Sur Ventura bhala *store keeper* u qal li huwa ilu jahdem ma' Ventura ghal erba' u tletin (34) sena u zied li lil Faraj El Boaishel Murabat qatt ma rah.

Xehed Mario Schembri li jaghmel *services* mas-Sur Ventura u mal-kumpanija tieghu u qal li ilu jahdem tlieta u tletin (33) sena maghhom u mistoqsi dwar Faraj El Boaishel Murabat, qal li kien rah darbtejn.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Att Dwar il-Kumpaniji, u fit-Titolu II tieghu jitkellem dwar ix-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpaniji. L-artikolu 214 jipprovdi dwar ix-xoljiment bir-rizoluzzjoni straordinarja fis-sub-paragrafu (1) tieghu waqt li fis-sub-paragrafu (2) jitkellem dwar il-kaz ta' kumpanija meta n-negozju jkun sospiz ghal aktar minn 24 xahar jew meta kumpanija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha. Fis-subartikolu (2)(b) l-Ligi tipprovdi ghax-xoljiment ta' kumpanija mill-Qorti fil-kazijiet hemmhekk imsemmija u fis-subartikolu (iii) l-Ligi tipprovdi li:

"Il-Qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija."

Fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami jwasslu ghar-ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment taghha. Ghalhekk huwa necessarju l-istralc tal-kumpanija.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti, tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited a tenur tal-Kap 386 artikolu 214 (2)(b)(iii).

Tahtar stralcarju ghas-socjeta` Mediterranean Sea Industrial Company Limited lil Dr. Vincent Galea b'mod li jista' jitlob direttivi.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez ghar-rikorrenti, salv dejjem kull dritt tieghu kontra Faraj El Boaishel Murabat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------